# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**ILLUM 7 ta' Marzu, 2001.**

**Kawza Nru. 40.**
**Citazz. Nru. 1912/00 JRM**

**LADA MOTORS LIMITED**

**vs**

**Philip CARUANA u Luckie CARUANA.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' elf, tlett mija u wiehed liri maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,301.86), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti "1" sa "20";

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u wiehed liri maltin u sittta u tmenin centezmu (Lm1,301.86), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux;

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u  n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u wiehed liri maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,301.86) import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux, bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali kontra l-konvenuti.

*7 ta' Marzu, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Marzu, 2001.**